*- Krediti Diversi -*

*- Oneru ta' Prova ghall min jallega -*

*-Nuqqas ta' Prova da parte tas-socjeta' konvenuta -*

*- Dikjarazzjoni ta' rikonoxximent ta' debitu -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru:1531/96/RCP**

**Catherine Grech Mallia.**

**vs**

**P.Buffa & Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tal-attrici fis-somma ta' tmint elef hames mija u disa' u erbghin lira Maltin u seba u tletin centezmu (LM8,549.37), rapprezentanti diversi xhur ta' salarji dovuti lill-attrici fl-impjieg taghha mas-socjeta' konvenuta, kif jirrizulta mid-dikjarazzjonijiet mahruga mill-Managing Director tal-istess socjeta' konvenuta (Dok ‘C' sa ‘E’)

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab ukoll debitrici tal-attrici fis-somma ta' hmistax-il elf, tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (LM15,388.08) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti mislufa mill-attrici, lill-istess socjeta' konvenuta, flimkien ma' spejjez relattivi u konnessi u kif ukoll ammont ta' kummissjoni, illi s-socjeta' konvenuta ammettiet illi ghandha thallas lill-attrici, kif jirrizulta mid-Dokument ‘F' anness u ffirmat mill-Managing Director taghha.

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab, in oltre, debitrici wkoll tal-attrici f’somma ulterjuri ta' tlett elef disa' mija u hamsa w erbghin lira Maltin (LM3,945) rapprezentanti self maghmul mill-istess attrici lis-socjeta' konvenuta u konsistenti fil-hlas ta' kera dovuta mis-socjeta' konvenuta lil terzi fil-perjodu bejn Lulju 1992 u Gunju 1995 ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu regolari u esklussiv mis-servizz tat-telephone bin-numru 317086, irregistrat f’isem l-attrici, u ghal liema servizz hija dovuta s-somma ta'

mija u tletin lira Maltin u seba' centezmi (LM130.07), skond l-ahhar kont mahrug mill-Korporazzjoni Telemalta, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala Dokument 'G'.

Illi l-attrici irciviet is-somma ta' hdax-il elf tlett mija u seba' u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (LM11,337.50) akkont tad-debitu intier dovut mis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk il-bilanc tad-debitu prezentement dovut lill-attrici jammonta ghal sittax-il elf u sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (LM16,675.02), kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dokument 'B'.

Illi nonostante interpellat diversi drabi, sabiex ihallas dan l-ammont l-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi, kif jirrizulta mill-Affidavit hawn anness bhala Dokument ‘A’, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tal-attrici huwa cert, likwidu u dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tal-attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

L-istess attrici ghaldaqstant talet li s-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex dina, l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a

tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici ssomma ta' sittax-il elf u sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (LM16,675.02), liema ammont huwa dovut lill-attrici mis-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u spjegati.

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

B' rizerva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lill-attrici skond il-ligi ghal kull ammont iehor li jista' jkun talvolta dovut lill-istess attrici mis-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda, l-affidavit u d-dokumenti esebiti a fol 7 sa 18 tal-process;

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 1996 fejn il-Qorti tat opportunita' lis-socjeta' konvenuta sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, u halliet il-kawza ghan-notifika tac-citazzjoni attrici bil-lingwa ingliza ghat-28 ta' Gunju 1996.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 33 tal-process fejn l-istess ecceppiet illi:-

(1) Illi preliminarjament l-konvenut kellu kull fiducja fl-attrici u fuq insistenza taghha kien jiffirma *"letter heads"* vojta tal-kumpanija P.Buffa & Company Limited bl-intendiment li huma immirati ghal xi haga, liema fiducja l-attrici abbuzatha billi ad insaputa tal-konvenut kienet timla hija stess dawn il-*"letter heads"* b'affarijiet minghajr ma jkun jaf x'inhuma.

(2) Illi l-ammont allegatament dovut huwa infondat kemm bhala fatt u kemm bhala dritt u ma huwa xejn hlief tentattiv sabiex l-attrici tiehu flus minghand il-konvenut u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(3) Illi inoltre l-attrici ma kienitx impjegata mas-socjeta' konvenuta fis-snin 1994 u 1995.

(4) Illi bla pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont li fil-fatt huwa dovut fuq il-kont tat-telefon.

(5) Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta tramite Paul Buffa a fol. 33 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Gunju 1996, 4 ta' Dicembru 1996, 24 ta' Frar 1997 fejn fl-ahhar seduta l-attrici iddikjarat li ma ghandhiex provi izjed.

Rat l-verbali tas-seduti tat-28 ta' Mejju 1997, u tas-7 ta' Novembru 1997, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 1998.

Rat ir-rikors ta' Paul Buffa tas-7 ta' Jannar 1998, u id-Digriet tal-Qorti datat 11 ta' Jannar 1998 fejn l-istess rikors gie michud stante li r-rikorrenti ma kienx parti fil-kawza, u l-istess fid-digriet datat 16 ta' Jannar 1998.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 1998 fejn wara li rat l-artikolu 202 (3) (d) tal-Kap 12, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza billi sostniet li hemm diskrepanzi bejn l-affidavit immarkat Dok. “A” (a fol.10) u l-prospett immarkat Dokument “B” (a fol. 12) min-naha l-wahda u l-affidavit tal-istess attrici (a fol.44) u ghalhekk trid tisma' lill-attrici *viva voce.* B'Digriet iehor tal-istess data ipprovdiet fuq ir-rikors tas-socjeta' konvenuta billi cahdet it-talba ghal-produzzjoni tax-xhieda tal-istess socjeta' konvenuta, u l-kawza thalliet ghas-16 ta' Ottubru 1998 sabiex tinstema l-attrici *viva voce.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 1998 fejn il-kawza thalliet sabiex l-attrici tipprezenta affidavit spjegattiv ghad-29 ta' Jannar 1999.

Rat l-affidavit tal-attrici tat-8 ta' Jannar 1999 u d-dokumenti hemm esebiti a fol. 69A sa 78 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Jannar 1999, tal-31 ta' Mejju 1999, u 8 ta' Ottubru 1999 fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Paolo Buffa u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti wara li kkonstatat li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx l-affidavit ta' Paolo Buffa skond il-ligi u dan meta s-socjeta' konvenuta kellha zmien bizzejjed ghaldaqshekk, u wara li kkunsidrat li huwa l-kaz li l-istadju tal-provi ghandu jigi dikjarat bhala konkluz, kif effettivament qieghed jigi dikjarat li hu konkluz, iddiferixiet il-kawza ghal quddiem il-Qorti diversament presjeduta ghat-28 ta' April 2000.

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta tat-23 ta' Frar 2000, u d-Digriet ta' din il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta' Novembru 2000, fejn laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta u ipprefigiet terminu ta' tlettin gurnata sabiex l-istess socjeta' konvenuta tipprezenta l-affidavit taghha skond il-ligi, u l-kawza thalliet ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta' konvenuta ghall-20 ta' Frar 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Novembru 2000 u tal-20 ta' Frar 2001, fejn fl-ahhar seduta msemmija, la dehret is-socjeta' konvenuta u lanqas id-difensur taghha, u l-istess Qorti iddekretat li minhabba dan in-nuqqas da parte tal-

istess socjeta' konvenuta, li wkoll naqset li tipprezenta l-affidavits taghha nonostante id-digriet tad-29 ta' Novembru 2000, il-Qorti iddikjarat l-provi tas-socjeta' konvenuta maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat l-affidavit tal-attrici datat 16 ta' Dicembru 1996 a fol. 43 sa fol. 50 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza stante li qed tippretendi li ghandha tithallas minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm16,675.02 ghall-diversi prestazzjonijiet u kawzali li jikkonsistu fis-segwenti:-

### (A) Salarji minn Mejju 1993 sa Novembru 1995

Salarji dovuti ghall-perjodu bejn l-31 ta' Mejju 1993 sat-30 ta' Novembru 1995 ammontanti ghall-Lm8,549.37, li jikkonsistu fis-segwenti ammonti:-

(i) Mill-31 ta' Mejju 1993 sal-31 ta' Dicembru 1993 - Lm2,046.48;

(ii) Mill-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Dicembru 1994 - Lm3,268.39.

(iii) Mill-1 ta' Jannar 1995 sat-30 ta' Novembru 1995 - Lm3,234.50.

Illi tali ammonti huma fil-fatt rikonoxxuti mill-istess Paolo Buffa ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, permezz ta' dikjarazzjonijiet iffirmati minnu ghan-nom tal-istess socjeta', li jirrikonoxxu tali debitu u jinsabu datati rispettivament 30 ta' Dicembru 1993, 31 ta' Dicembru 1994, u 30 ta' Novembru 1995, u esebiti rispettivament bhala Dok. "C", Dok. "D", u Dok. "E" a fol. 13, 14, u 15 tal-process.

(B) SELF MAGHMUL MILL-ATTRICI GHALL-HLAS TA' KERA

Illi l-istess attrici sostniet li hija selfet lis-socjeta' konvenuta l-ammont ulterjuri ta' Lm3,945, sabiex l-istess socjeta' konvenuta thallas il-kera lill-terzi ghall-perjodu bejn Lulju 1992 sa Gunju 1995, u dan bir-rata ta' Lm1,370 kull sitt xhur.

Illi fl-affidavit taghha sostniet li l-kera kienet ta' Lm1,350 kull sitt xhur, u li din kienet tithallas lill-George Borg ta'

"Borg", Triq il-Kus, Qormi ghall-zewg garaxxijiet li kienu jigu uzati bhala mhazen, u sostniet li hallset il-kera tal-istess garaxxijiet ghall-perjodu bejn Lulju 1993 sa Lulju 1995 fl-ammont  komplessiv ta' Lm5,400.

Illi fl-affidavit spjegattiv taghha sostniet li l-ammont ta' Lm3,945 jirrapresenta biss il-pagament li hija ghamlet permezz ta' *cheques*, u ma talbietx l-ammonti li hija hallset ukoll permezz ta' *'cash basis'.*

Illi in sostenn ta' dan hija esebit kopja ta' hames *cheques* imhallsa lill-George Borg u wiehed lill-George Gerada fl-ammont komplessiv ta' Lm3,945.

(C) SELF, SPEJJEZ, U AMMONTI TA' KUMMISSJONIJIET

Illi l-istess attrici qed tippretendi l-hlas ta' Lm15,388.08 rappesentanti total ta' diversi ammonti mislufa mill-attrici lis-socjeta' konvenuta, flimkien ma spejjez relattivi u kummissjonijiet, li s-socjeta' konvenuta ammettiet li kellha thallas lill-attrici kif jirrizulta skond hija mid-dokument "F" anness, iffirmat mill-Managing Director tal-istess socjeta'

Illi fil-fatt fl-istess kopja fotostatika tad-dokument "F" esebit a fol. 16 tal-process jinghad illi:-

*"I, Paolo Buffa, I.D. No. 8316(A) hereby declare that the following are dues to Ms. Catherine Grech Mallia I.D.89248(G) from P. Buffa & Company Limited:*
*Loans B.O.V.*

| | |
|---|---|
| *Bank of Valletta Loan 10/11/94 - 31/08/95* | *Lm4,219.16.* |
| *Charges* | *Lm0,010.00* |
| *Bank of Valletta Loan 16/05/95.* | *Lm2,500.00.* |
| *Bank of Valletta Loan 16/05/95 - 28/07/96* | *Lm2,700.00.* |
| *Charges* | *Lm0,056.17.* |
| *P.Buffa & Co. Ltd.Invoices up to 25/10/95* | *Lm1,992.83.* |
| *Bank of Valletta on Apt.No.6. + Interests. Lm2,389.64.* | |
| *Charges* | *Lm0,010.00* |
| *Invoices on Apt.No.7.* | *Lm1,067.25.* |
| *G.R.E. on Building Insurance Lm0,272.97.* | |
| *Invoices S & R for doors Makani.* | *Lm0,026.30.* |
| *Commission to Hoffman's Holdings on Apt.7.* | *Lm0,143.75.* |
| *TOTAL.* | *LM15,388.08.* |
| *LESS.* | |
| *Apt. No. 6.* | *Lm0,500.00.* |
| *Apt.No.7.* | *Lm0,250.00.* |
| *Offices.* | *Lm2,737.50.* |
| *Deductable total -* | *Lm3,487.50* |
| TOTAL BALANCE DUE. | LM11,900.58. |

<u>(D) UZU TAT-TELEFON TAGHHA GHAL BENEFICCJU TAS-SOCJETA'</u>

Illi ghal-uzu tat-telefon taghha Numru 317086, irregistrat f'isem l-attrici, skond kont mahrug mit-Telemalta esebit bhala Dok. "G" l-istess attrici qed tippretendi l-ammont ta' Lm130.07, liema ammont huwa ammess fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

(E) IL-PRETENSJONIJIET KOLLHA ATTRICI

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-attrici fic-citazzjoni taghha qed tippretendi l-hlas tas-segwenti ammonti:-

(a) Lm8,549.37 ghas-salarju taghha bejn il-31 ta' Mejju 1993 sat-30 ta' Novembru 1995.

(b) Lm15,388.08 ghall-sommom mislufa minnha, spejjez minnha inkorsi u kummissjonijiet dovuta lilha mis-socjeta' konvenuta.

(c) Lm3,945 rappresentanti self maghmul lis-socjeta' konvenuta sabiex issir il-hlas ta' kirjiet tal-istess socjeta' lill-terzi.

(d) Lm130.07 kont tat-telefon taghha li gie utilizzat esklussivament ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

(F) PAGAMENTI LI SARU MIS-SOCJETA' KONVENUTA

Illi dawn l-ammonti kollha jwasslu ghal total ta' Lm28,012.52, li minnhom, skond l-affidavit taghha l-istess attrici sostniet li kienet thallset l-ammont ta' Lm7,737.50 mill-kirjiet tal-ufficcji f'Garden Terrace Court, Triq il-Baltiku, The Village, San Giljan, u l-ammont ta' Lm6,600 li irceviet minghand il-kumpanija wara l-bejgh ta' zewgt' artijiet taghha, b'kollox ghalhekk is-somma ta' Lm14,337.50, li jhalli bilanc ta' Lm13,675.02.

Illi dwar l-ammont ta' pagamenti li saru mis-socjeta' konvenuta lill-attrici meta wiehed ihares lejn l-affidavit spjegattiv jirrizulta li l-istess attrici qed issostni li hija thallset l-ammont ta' Lm3,487.50 indikat f'Dok."F" a fol. 16 tal-process, l-ammont ta' Lm6,600, u Lm1,250 b'kollox Lm7,850 indikati f'pagna 1 tad-Dok. "CSD1" a fol. 71 tal-process, oltre Lm3,000 bhala kirjiet tal-flat 6 u 7 ghall-perjodi hemm indikati li rcieviet fil-mori tal-kawza, indikati f'pagna 2 tal-istess Dok. "CSD 1" a fol. 72 tal-process li jwasslu ghas-somma ta' Lm14,337.50, u li allura jikkonfermaw l-ammonti imhallsa mis-socjeta' konvenuta skond l-kunteggi fuq indikati, li meta jitnaqqsu mis-somma pretiza mill-attrici fic-citazzjoni taghha dawn ihallu bilanc ta' Lm13,675.02. Ma dan l-ammont l-attrici ziedet l-ammont ta' Lm368.62 bhala interessi li hija kellha thallas fuq il-*loans* tal-bank indikati minnha, pero' dan ma huwiex ser jigi kkalkulat stante li ma jifformax il-mertu tac-citazzjoni attrici, u *di piu`* avvera ruhu wara l-prezentata tac-citazzjoni.

## (G) ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA U NUQQAS TA' PROVI

Illi ghal dawn il-provi kollha s-socjeta' konvenuta baqghet ma resqet ebda prova, u dan juri car li hemm traskuragni kbira mill-istess socjeta' konvenuta sabiex tikkontesta l-azzjoni attrici, nonostante l-fatt li din il-kawza ilha pendenti mill-10 ta' Mejju 1996, u l-istess socjeta' konvenuta kellha diversi opportunitajiet sabiex tressaq ix-xhieda taghha anke bil-procedura tal-affidavit, inkluza dik moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta skond digriet taghha tad-29 ta' Novembru 2000.

Illi pero' anke jekk wiehed ihares lejn l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta wiehed jinnota li l-istess socjeta' ma innegatx li l-istess dokumenti "C" sa "F" ilkoll iffirmati minn Paolo Buffa ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ma gewx hekk iffirmati, b'dan li l-istess socjeta' konvenuta accettat li l-istess dokumenti gew in verita' ffirmati minn rappresentant tal-istess socjeta', izda sostniet biss li tali dokumenti gew iffirmati in bjank u l-attrici ghamlet id-dettalji li riedet hi.

Illi apparti li l-istess socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni taghha, pero' tenut kont tal-fatt li tali rikonoxximent tad-debiti dovuti mill-istess socjeta' konvenuta lill-attrici tramite tali dokumenti huma kollha kemm huma ta' dati differenti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan jirrendi l-versjoni tal-istess socjeta'

konvenuta inkredibbli, u jekk le, turi negligenza u nuqqas ta' serjeta' grossolana mill-firmatarju taghha, u dan huwa iktar inkredibbli meta l-istess socjeta' topera kummercjalment u wkoll f'negozju ta' certu sostanza.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni din ukoll ma giet bl-ebda mod issostanzjata, u it-tielet eccezzjoni ma tistax tigi accettata stante li d-dokumenti "D" u "E" iffirmati mill-istess Paolo Buffa jikkontradixxu l-istess, meta jghidu li l-attrici ma ircevietx is-salarju taghha ghall-istess snin 1994 u 1995 indikati fl-istess tielet eccezzjoni.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-ammont ta' tlettax-il elf, sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm13,675.02).

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** limitatament ghas-somma hawn isfel indikata stante pagament ta' tlett elef lira (Lm3,000) mis-socjeta' konvenuta lill-attrici fil-mori tal-kawza b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici is-somma bilancjali ta' tlettax-il elf, sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm13,675.02) liema

ammont huwa dovut lill-attrici mis-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u spjegati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-17 ta' Mejju 1996 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju , 2001**